SANNAT

Minuti tas-sitta u tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Ħamis, 22 ta' Settembru, 2011 fis-8.15 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

1824 Din il-laqgħa issejħet b'urġenza biex issir laqgħa mal-perit u l-avukat tal-Kunsill rigward id-delineazzjoni tal-ħajt tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill il-ġdid u jiġi deċiż x'passi għandhom jittieħdu.

L-avukat tal-Kunsill, Dr. Grazio Mercieca qal li meta kien hemm is-smiegħ tal-mandati l-Qorti, kien sar ftehim mar-rappreżentant tal-Dipartiment tal-Artijiet li fl-arbitraġġ jinħatar l-Imħallef Emeritus Philip Sciberras bħala avukat tal-arbitraġġ u li l-Kunsill ikun preżenti. John Girma insista li ma jkunx hemm avukat u perit. Hu ried li jkun hemm perit biss u dam jgħid hekk sakemm għaddiet tiegħu.

Is-Sindku qal li meta sar ir-rapport ma ntbagħatx lill-Kunsill. Meta talab bil-miktub lid-Direttur Generali tad-Dipartiment tal-Artijiet, dan bagħat żewġ paġni biss minn rapport ta' tnejn u tletin paġna. Qal ukoll li qallu li għalih il-każ hu magħluq.

Il-perit qal li meta cempel lil perit Spiteri li hu l-perit indipendenti tal-arbitraġġ, qallu li d-Dipartiment tal-Artijiet kienu qed jaqblu mal-Kunsill bl-interpretazzjoni tad-delineazjoni tal-ħajt. Hu ppreżenta email li bagħat lill-istess perit fejn ipprotesta rigward il-kontenut ta' parti mar-rapport li ntbagħtu lill-Kunsill. F'dawn iż-żewġ paġni semma li sar affidavit mill-ex-Sindku Carmel Camilleri fejn qal li l-linja diviżorja tiġi kif qed jgħid John Grima u li l-perit Scerri kien qabel miegħu. Perit Scerri qal li hu qatt ma qal hekk u ma jaqbilx mal-kontenut tal-affidavit. Qallu ukoll li jekk il-perit Spiteri ried jinqeda b'ismu messu kkuntattja miegħu għaliex hu kien qallu li ma jaqbilx mal-kontenut tal-affidaviti. Hu qal li hu lest li jagħmel affidavit rigward dan il-każ. Il-perit Scerri qal li kien John Grima stess li neħħa l-evidenza tal-ħajt u qabdu fil-fatt s-Segretarju tal-Kunsill. Is-Segretarju kkonferma dak li qal il-perit u li hu sejjaħ ukoll Anthony Mercieca li dak iż-żmien kien Sindku biex jiġi fuq il-post. Il-perit qal li meta jkun ser jitneħħa xi ħajt il-periti kollha jagħmlu skatch qabel titneħħa l-evidenza tal-ħajt.

L-avukat issurġeriixxa li ssir press conference u protest il-qorti kontra d-Dipartiment tal-Artijiet dwar il-każ. Il-perit qal li hu jaqbel u li għandu jsir protest u wara għandha tifetaħ kawża kontra d-Dipartiment tal-Artijiet.

Il-Kunsill qabel li jsir protest il-Qorti kontra d-Dipartiment tal-Artijiet u l-perit għandu jipprepara rapport bis-site plans neċessarji.

Il-laqgħa spiċċat fil-10.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Kunsill Lokali – Sannat - Local Council
Triq Sannat,
Sannat SNT 9020
Tel: 21554747  Fax: 21563535